MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2008

Numru. 821/2008

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
Wayne Delia, iben Martin, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Novembru, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-28 ta’ Awwissu, 2008 għal habta tad-9.50 a.m. waqt li kien fi Triq Sant’ Ubaldeska, Raħal Ġdid ikkometta serq ta’ portmoni li kien fih €45 fi flus kontanti u ċwievet għad-dannu ta’ Maria Dolores Schembri minn Ħal Tarxien liema ser hu aggravat bil-vjolenza;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi nġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ PC178 Carmel Curmi persuna nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien jagħmel

dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. talli fit-3 ta' settembru, 2008 għal habta tad-9.50 a.m. waqt li kien arrestat fl-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid ħarab mill-post ta' kustodja;
4. talli kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' settembru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95(1), 151, 160, 261(a), 262, 276 u 276A tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino biex jagħti l-għajnuna kollha biex l-imputat jirrabilta ruħu mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------